**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 270/21 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB ,** datat 24 ta' Gunju, 2021, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewgu lil xulxin fir-Registru Pubbliku ta' Valletta, Mallta, fis-16 ta' Dicembru 2006, u dana skont ma jirrizulta ahjar mill-estratt tal-Att taz-Zwieg relattiv illi jgib in-numru progressive 2325/2006;

2. Illi minn dan iz-zwieg, twieled tifel u senjatament ED, nhar it-28 ta' Lulju 2016;

3. Illi l-istess partijiet ilhom de facto separati minn xulxin, ininterrottament, sa minn Frar tas-sena 2017, u llum huma legalment separate minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt ta' firda personali illi gi ppublikat min-Nutar Liza Schembri, fil-5 ta' Dicembru, 2017;

4. Illi naturalment, ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni rigward manteniment bejn il-partijiet li jistghu b'xi mod ixekklu lill-esponenti milli tipprocedi b'din l-istanza;

6. Illi ghaldaqstant, il-kontendenti jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;

7. Illi l-esponenti tixtieq u trid li tottjeni l-hall taz-zwieg taghha, minn mal-intimat.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex ghar-ragunijiet premessi:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
|---|---|
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep. Reg.** |